# *Il-Kungress Ewkaristiku 2013*

*Anthony Caruana*

## Mitt Sena minn dan l-avveniment

Ibqa' ċert li ftit kienet tgħaddi minn ġo ras il-poplu Malti u aktar u aktar mill-poplu Marsi kollu li l-1913 kellha tkun sena daqstant storika, importanti u inċisiva tant li kellha tkun u tibqa' fl-annati tal-istorja ta' pajjiżna. Qed ngħid hekk għall-fatt li tant seħħew avvenimenti reliġjużi kbar illi diffiċli nerġgħu naraw bħalhom darb'oħra.



Min jaf biżżejjed l-istorja tal-passat riċenti ta' pajjiżna jaf kif sar dan il-Kungress. Impressjonanti l-fatt li l-ewwel u qabel kollox aħna konna kolonja Ingliża u dan kien ifisser li kollox iħoll u jorbot mal-kmand u d-deċiżjoni aħħarija tagħhom. Kienet żgur tkun ta' xkiel li imperu protestant bħal dak tal-Ingliżi kien se jaqa' jaċċetta talba ta' poplu hekk żgħir, iżda ħaġa tal-iskantament ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni. Anzi, ngħid b'konvinzjoni, b'miraklu seħħ bil-maqlub u l-awtoritajiet imperjali Ingliżi spiċċaw ikkoperaw tant li kienu kważi parteċipi f'din iċ-ċelebrazzjoni unika.

Iżda ejja mmorru ftit ftit għal x'kienu l-fatti. Dan il-Kungress internazzjonali kien l-24 wieħed u ġie miftiehem li kellu jsir bejn it-23 u s-27 ta' April tal-1913. Dak iż-żmien l-imperu Ingliż kellu lir-Re Ġorġ V. Dan ma kienx xi bniedem estranju għal pajjiżna. Fil-fatt kien ġie Malta wkoll u fil-ġonna tal-Palazz ta' San Anton hemm bust sabiħ iddedikat lilu. Ġewwa l-Furjana, eżattament mit-telgħa tal-Kurċifiss sal-madwar tas-swar, hemm ġnien il-ġmiel tiegħu msemmi wkoll għalih. Fih hemm monument li fi ftit kliem jagħti ġieħ u rikonoxximent lill-poplu Malti kollu. Nemmen li dan seta' kien fattur għall-fatt li ma kienx hemm oġġezzjoni għall-miġja tiegħu għax kien ġa konoxxenti ma' Malta u l-Maltin. Il-Papa f'dik l-epoka kien il-Papa Piju X u Malta kella l-Isqof Pietro Pace.



Il-Gvernatur rappreżentat tal-imperu Brittaniku kien Sir Henry Leslie Rundle li kien ukoll strumentali sabiex mill-Port il-Kbir jitwassal il-bastiment li fuqu kellu jkun hemm il-Kardinal Domenico Ferrata li kien il-legat Pontifiċju tal-Papa. Il-bastiment tar-Royal Navy kien l-HMS Hussar u daħal fil-Port il-Kbir nhar it-22 ta' April 1913 akkumpanjat mill-vapuri *Alliance II, Brittania* u *Giuseppina*. Magħhom kien daħal il-bastiment *Francis Carthage* li ġab miegħu ukoll lill-





Kardinal Bourne u d-Duka ta' Norfolk.

Ma setax jonqos il-ferħ tal-Maltin u saru ċelebrazzjonijiet kbar tista' tgħid madwar Malta kollha, speċjalment fuq il-Fosos tal-Furjana u l-knisja Rotunda tal-Mosta. Malta dak iż-żmien kienet meqjusa bħala kattoliċissima u nobilissima. Tant kien hawn entużjażmu li kultant kien anki żejjed minn xi Maltin waqt it-tqarbin fiċ-ċerimonja ta' fuq il-Fosos tal-Furjana u dan ħalla naqra impatt negattiv f'għajnejn il-barranin. Dan seħħ minħabba li n-nies bdew jiffullaw kważi fuq xulxin u tant kien hekk li kienet ħaġa li qatt ma raw bħalha. Fil-ġnien tal-Mall tal-Furjana hemm ukoll monument ta' Kristu Re li sar apposta għall-okkażjoni mill-iskultur eċċellenti Antonio Sciortino. Dan huwa monument maestuż li jsebbaħ l-akkwata biswit il-Lukanda Phoenicia.

Nhar is-26 ta' April, il-Kardinal Ferrata ta l-Barka Sagramentali lill-opri tal-baħar mill-Barrakka ta' Fuq għall-port il-Kbir. Din kienet tifsira sinifikanti meta niftakru fl-importanza tal-vapuri u l-opri kollha li tant kienu u għadhom vitali għal pajjiżna. L-innu uffiċjali għal dan il-Kungress sar mill-versi ta' Dun Karm Psaila li jibdew 'Nadurawk ja Ħobż tas-Sema' u l-mużika tas-Surmast Ġużeppi Caruana. Ta' min jinnota li dan l-innu jitkanta spiss fil-Vatikan tant li l-mibki Papa Ġwanni Pawlu II kien jogħġbu ħafna u saħansitra sar bil-verżjoni Taljana u xi lingwi oħra.

Ta' min isemmi li l-Kardinal Domenico Ferrata, l-istess Legat Pontifiċju għall-Kungress Ewkaristiku, ħa l-interess li jagħmel żjara flimkien ma' Mons. Pietro Pace fil-Knisja tas-Ssma. Trinità l-Marsa li kienet għadha kif ġiet inawgurata Parroċċa u dan kien fid-29 ta' April 1913. Din kienet miġja storika għall-fatt li din il-parroċċa kienet fit-twelid tagħha u bi knisja maestuża mżanżna ġdida.

*Ir-ritratti huma kortesija tas-Sinjuri Joseph Bonnici u Michael Cassar.*

